GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **5 t' Ottubru 2021** **Ref: DDLTS 29/2021**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel Primarji (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Direttur għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**

**Suġġett:** **OTPC - Kontinwazzjoni ta' Tablet għal kull wild (OTPC): Is-6 Fażi**

---

Il-Kapijiet tal-Iskola huma ġentilment mitluba jġibu din iċ-ċirkulari dwar il-One Tablet Per Child (OTPC) għall-attenzjoni tal-Assistenti Kapijiet u l-edukaturi tar-raba' (4) sena fl-iskola tagħhom.

It-tqassim tat-tablets il-ġodda taħt l-iskema One Tablet Per Child (OTPC) se jitqassmu sat-**22 ta' Ottubru 2021**. Kull skola se tkun infurmata bid-data tat-tqassim.

**Bħas-snin l-oħra, l-iskejjel huma ġentilment mitluba jindikaw il-persuna mit-tmexxija tal-iskola li hija nkarigata mill-OTPC hawnhekk: https://forms.office.com/r/fWzf9mj4zm Idealment din il-formola timtela sa qabel it-tqassim tal-OTPC tablets.**

**Nota għall-Kapijiet tal-iskejjel u l-għalliema**

L-iskejjel għandhom jibagħtu d-dokument tal-Politika ta' Użu Aċċettabbli (AUP) u d-dokument tal-GDPR lill-ġenituri/kustodji tar-raba' (4) sena. L-AUP trid tiġi ffirmata mill-ġenituri u tintbagħat lura l-iskola sat-**22 ta' Ottubru 2021**. Meta t-tablets jaslu l-iskola, dawn għandhom jiġu mqassmin lill-istudenti. In-numru tal-inventarju tat-tablet għandu jinkiteb fuq l-AUP (fil-paġni 4 u 5) u fl-inventarju onlajn tal-iskola.

**L-iffirmar tal-AUPs mill-ġenituri rispettivi huwa obbligatorju**.

Edukaturi ġodda u studenti ġodda fil-klassijiet tal-ħames (5) u s-sitt (6) sena se jiġu indirizzati separatament. Jekk jogħġbok segwi l-SOP mehmuża.

**Proċeduri ssuġġeriti għat-tqassim tat-Tablets:**

1. Aġġorna l-inventarju onlajn tat-tablets tal-iskola tal-ħames (5) u s-sitt (6) sena qabel ma jaslu t-tablets il-ġodda

2. Id-dokumenti tal-AUP u l-GDPR (it-tnejn mehmuża) jiġu stampati mill-iskola u mqassmin lill-istudenti

3. Itlob lill-ġenituri biex jaqraw l-AUP, jimlew l-aħħar paġna biss u jġibuha lura l-iskola. Din il-paġna tingħata lill-għalliema u tinżamm mill-iskola

**Meta t-tablets l-ġodda tar-raba' (4) sena jaslu fl-iskola;**

4. Ara li n-numru ta' tablets li jingħata lil kull klassi jaqbel man-numru ta' studenti fuq il- lista uffiċjali tal-klassi. Kwalunkwe diskrepanza għandha tiġi rrappurtata hawn: ict.support@ilearn.edu.mt

5. L-istudenti għandhom jiċċekjaw li fil-basket tat-tablet għandhom dawn: tablet bil-cover, stylus, batterija żejda, ċarruta tat-tindif, charger, ċinga tal-ispalla. Kull oġġett nieqes għandu jiġi rrapportat hawn: ict.support@ilearn.edu.mt

6. Aġġorna l-inventarju onlajn tat-tablets tal-iskola

7. Id-Direttorat tal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali (DDLTS) se jkun qed jorganizza sessjonijiet ta' informazzjoni għall-ġenituri f'Novembru 2021

Se tinħareġ ċirkulari separata fil-jiem li ġejjin bid-dati preċiżi tat-tqassim tat-tablets. Il-Kapijiet tad-Dipartiment tal-Litteriżmu Diġitali u persuni mill-Avantis se jkunu qed jgħinu u jissapportjaw kif meħtieġ. Għal kull kjarifika ikkuntattjana fuq 2598 1564/5 jew permezz ta' email fuq digital-literacy@ilearn.edu.mt.

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**